MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**JACQUELINE PADOVANI**

Seduta tal-5 ta' Mejju, 2005

Numru. 288/2005

PULIZIJA
SPETTUR CARMELO ABDILLA
SPETTUR MARIO HABER
VS
SALEM ADEL ALI MIFTAH

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Salem Adel Ali Miftah, ta’ 25 sena, bin Ali u Saud numru tal-passaport 528819, imwieled Tripoli ta’ Nazzjonalita Libjana, u fil-prezent joqghod Flat 16, Bull Street, San Giljan, u akkuzat talli f’dawn il-Gzejjer bhala persuna li telaq minn Malta taht ordni ta’ tnehhija jew ordni ta’ tnehhija jew ordni ta’ deportazzjoni f’xi zmien talab permess biex jinzel l-art jew permess biex jinzel l-art u jibqa’ Malta, naqas li jiddikjara espressament bil-miktub lill-Ufficjal Principali tal-Immigrazzjoni dawk ic-cirkostanzi.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali u tal-imputat sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat:-

Mix-xhieda tal-Prosekuzzjoni, l-Ispettur Abdilla nforma lill-Qorti illi wara glieda li fiha kien involut l-imputat, kienu ttiehdu proceduri kontra tieghu u gie deportat.

Illi huwa kien kellem lill-Ispettur Sciberras li kienet ukoll ikkonfermat illi kienet hija li tellghet lill-imputat l-ajruport wara li gie ssentenzjat u ratu sejjer lejn Tripoli. Irrizulta pero' illi din is-sentenza mhijiex riflessa fil-fedina penali tal-imputat, u ghaldaqstant din il-Qorti ordnat lill-Ufficjal Prosekutur biex jaghmel iktar indagni.

Gie prezentat stqarrija dokument CA2.

Il-Qorti mbaghad semghet lil Paul Gambina mill-Legal Office tal-Bank of Valletta, fejn jidher illi l-imputat kellu elfejn u sitta u disghin Lira Maltin (Lm2096) fil-kont tieghu.

Illi ghaldaqstant, il-Qorti kienet akkordat il-liberta provvisorja lill-imputat fuq depozitu ta' hames mitt Lira Maltin (Lm500).

Illi mbaghad, mix-xhieda tal-Ispettur Denise Miruzzi tal-5 ta' Mejju 2005, irrizulta illi ma kien inhareg ebda 'removal order' kontra l-imputat, rigward il-glieda msemmija mill-Ispettur Abdilla, stante li l-akkuza kienet fuq kagunar ta' griehi ta' natura hafifa, li dwarha ebda Qorti ma' tista' tordna 'removal order' il-ghaliex irid ikun hemm piena ta' prigunerija 'l fuq minn sena biex dan isir validament. Ghalhekk l-Ispettur Miruzzi xehdet illi fir-records taghha ma sabet ebda 'removal order' fil-konfront tal-imputat.

Ikkunsidrat:-

Illi in vista ta' dan kollu, sikkome ma nhareg ebda 'removal order' kontra l-imputat, ebda Qorti ma tista' ssib htija fl-imputat ghal dikjarazzjoni ta' stat ta' fatt, cioe' li gie mkecci minn Malta il-ghaliex 'removal order' qatt ma nhareg mill-awtoritajiet.

Illi ghal din ir-raguni, il-Qorti ssib lill-imputat mhux hati skond l-akkuza u tilliberah.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------